**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 5 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 75/2017PA**

**Bugeja Angie**

**vs**

**Giglio Stefan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-2 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet li permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Ottubru 2015 pubblikat min-Nutar Francesca Portelli, il-konvenut obbliga ruħu li jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni taż-żewġ uliedu minuri; li minkejja li l-konvenut ġie interpellat jagħmel il-ħlasijiet dovuti minnu permezz ta' ittra legali datata 14 ta' Novembru 2016, dan baqa' inadempjenti; li l-ammont dovut minnu sad-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba jammonta għal seba' mitt Ewro (€700). Għaldaqstant, hija talbet li dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tagħha fis-somma ta' seba' mitt Ewro (€700), jew ammont verjuri, u li konsegwentement jikkundannah iħallas lill-attriċi s-somma hekk dovutga, bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja legali ta' att pubblikat min-Nutar Francesca Portelli fis-27 ta' Ottubru 2015 bejn il-kontendenti, li peremzz tiegħu, bl-awtoriżżazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) rregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom dwar il-kura u l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment ta' uliedhom minuri Lea Giglio u Mattias Giglio (Dok.'A', fol. 4-7); u kopja ta' ittra legali mibgħuta mid-difensur tal-attriċi lill-konvenut datata 14 ta' Novembru 2016, li permezz tagħha ntalab iħallas is-somma ta' €390 rappreżentanti sehmu mill-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri sa dakinhar (Dok.'B', fol. 8).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda tal-attriċi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017, li kkonfermat bil-ġurament tagħha li l-konvenut naqas li jħallasha dak dovut minnu in konnessjoni mal-ispejjeż edukattivi u mediċi ta' uliedhom minuri, kif obbliga ruhu li jagħmel bl-att imsemmi tas-27 ta' Ottubru 2015, u li mid-data tal-imsemmi att sad-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, l-ammont hekk dovut minnu jammonta għal seba' mitt Ewro (€700).

Ra l-kopji awtentikati tar-riċevuti preżentati mill-attriċi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2017, u konfermati minnha (Doki.'AB1' sa 'AB27', fol. 12-38).

Ikkunsidra:

Li skond il-kuntratt konkluż bejn il-kontendenti, u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli tas-27 ta' Ottubru 2015, *'[i]l-komparenti partijiet qegħdin jaqblu illi l-ispejjeż kollha ta' edukazzjoni u ta' saħħa (inkluż spejjeż ta' dentist) tal-minuri kif ukoll spejjeż extra kurrikulari, għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejniethom, u danan billi l-missier ihallas lill-komparenti omm l-ammont minnu dovut fi żmien ġimgħa minn meta l-parti l-istess omm tkun ippreżentatlu kopja tal-irċevuti'.*

Qies li, mill-kopja tar-ricevuti preżentati fl-atti mill-attriċi, jirriżulta li din inkorriet spiża totali fis-somma ta' elf, tlett mija u wieħed u sebgħin Ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,371.85ċ) in konnessjoni mal-edukazzjoni u s-saħħa taż-żewġ minuri[1], b'mod li l-kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut lill-attriċi għar-rigward tal-ispejjeż edukattivi u mediċi li l-attriċi ppruvat li nkorriet fiż-żmien in kwistjoni, fit-termini tal-kuntratt ta' bejniethom fuq imsemmi, jammonta għal sitt mija, ħamsa u tmenin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€685.93ċ).

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' sitt mija, ħamsa u tmenin Ewro, tlieta u disgħin ċenteżmu (€685.93ċ), u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' sitt mija, ħamsa u tmenin Ewro, tlieta u disgħin ċenteżmu (€685.93ċ), bl-imgħax legali mid-data tallum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**

[1] It-Tribunal iqis li l-ispiża tal-*Healthy Breakfast* (€3), fol.32, ma taqax fil-parametri tal-ispejjeż kontemplati bil-kuntratt fil-klawsola rilevanti, u li għalihom il-konvenut huwa tenut li jikkontribwixxi n-nofs, filwaqt li n-notament bil-kitba dwar kotba *second hand* mhux iffirmat, u lanqas spjegat, u allura ma jikkostitwix l-aħjar prova fit-termini tal-**art. 559** tal-Kap. 12 (ara fol. 13)